**11 ta' Jannar, 1996**

**Imħallef:-**

***S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President***

Carmel Gatt

*versus*

Angelo Micallef *et*

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabet responsabbli terz li ma kienx parti fl-inċident iżda kien responsabbli minħabba l-manuvra tiegħu li pprovoka l-inċident.*

Il-Qorti:-

Qed isir appell mill-kjamat fil-kawża, Philip Azzopardi minn din is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu, 1995, li sabitu unikament responsabbli għall-inċident stradali imsemmi fl-avviż;

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fit-8 ta' Lulju, 1994 fejn talab illi din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u għoxrin lira Maltija u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm222.64c) jew somma verjuri *occorrendo* likwidata bl-opera ta' periti *nominandi* danni in segwitu għall-inċident stradali li ġara Ħaż Żebbuġ, fis-26 ta' April, 1994. Prevja *occorrendo* dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli għall-kolliżjoni u konsegwenzjali danni minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjeż kompriżi Lm5 ta' l-ittra interpellatorja u konsult u dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-data ta' l-avviż lil Brian Valenzia *noe ai termini* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta - kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rriġettati bl-ispejjeż stante illi l-inċident in kwistjoni ma ġarax

bl-ebda *tort* tal-konvenut *iżda ġara tort unikament ta' Philip* Azzopardi ta' "Phileon", Triq il-Kbira, Ħaż Żebbuġ, li għandu jiġi kkjamat in kważa, billi irriversja minn *T-Junction* u baqa' ħiereġ fuq it-triq prinċipali;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 1994 fejn ordnat il-kjamat in kawża ta' Philip Azzopardi;

Rat in-nota ta' *l-eċċezjonijiet tal-kjamat in* kawża Philip Azzopardi fejn eċċepixxa illi huwa ma kienx involut fl-inċident tat-traffiku li seħħ bejn l-attur u l-konvenut u li għalhekk b'ebda mod ma kien responsabbli għad-danni ikkaġunati fil-vettura ta' *l*-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża wara li semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Ikkunsidrat:

Illi *din il-kawża* tirrigwarda *kolliżjoni stradali li ġrat fis-26* ta' April, 1994 għal xi nofs in-nhar fi Triq Santa Marija, Ħaż Żebbuġ bejn karozza Lada numru L-5750 proprjeta` ta' l-attur u li kienet ipparkjata ma' ġenb it-triq u l-Bedford Van nru. S-6264 misjuq mill-konvenut. L-inċident ġara billi hekk kif il-konvenut wasal fil-kantuniera ta' Triq Santa Marija, irriversja l-kjamat fil-kawża minn wara *blind corner* li ħasdu u ġibed għal fuq ix-xellug għal fuq il-karozza ta' l-attur;

Il-konvenut xehed li hu kien qed isuq għad-dritt ġo Triq Santa Marija u hekk kif wasal ħdejn il-*blind corner* li hemm faċċata ta' Triq Pariga, irriversja l-kjamat fil-kawża Philip Azzopardi minn

wara din il-*blind corner* u sporġa għal Triq Santa Marija b'mod li ħasdu tant li ġibed għal fuq ix-xellug u baqa' dieħel fuq il-karozza pparkjata ta' l-attur;

Il-kjamat fil-kawża qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-inċident. Hu minnu li kien qed jirriversja, pero', dan għamlu għal distanza qasira u bl-ebda mod ma sporġa ġo Triq Santa Marija u dejjem baqa' fil-pjazza li jidher fl-i*sketch* li esebixxa s-Surġent li investiga l-każ. Fl-okkorrenza tiegħu m'hemm l-ebda referenza għal din ix-xhieda tal-kjamat fil-kawża. Dan ta' l-aħħar esebixxa ukoll *sketch* li pprepara hu stess fejn wera kemm kien 'il bogħod mill-kantuniera ta' Triq Santa Marija u li dejjem kien fil-vista ta' vetturi ħerġin minn din it-triq. Di piu` spjega li reġa' lura peress li Triq San Martin li tisporġi ġol-pjazza kienet magħluqa u kien hemm karozza pparkjata li kienet qed tostakolalu l-passaġġ u għalhekk kellu jreġġa` lura sabiex jagħmel aktar wisgħa u jkun jista' jdur komodament;

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ovvjament ma ssib xejn xi tgħid dwar il-posizzjoni tal-karozza ta' l-attur. Din kienet ipparkjata b'mod regolari ma' ġenb it-triq fuq in-naħa tax-xellug b'mod li kienet tidher sew għall-utenti kollha tat-triq;

Il-konvenut kien għaddej għad-dritt ġo Triq Santa Marija bi *speed* moderat, meta f'daqqa waħda, tfaċċa l-kjamat fil-kawża minn wara l-kantuniera li ħasdu u instintivament ġibed lejn ix-xellug sabiex jevita lill-kjamat fil-kawża u baqa' dieħel fuq il-karozza ta' l-attur. Hawn ukoll il-Qorti ma ssib xejn ħażin. Meħud in konsiderazzjoni l-konfigurazzjoni tat-triq u l-mod kif reġa' lura

Azzopardi, il-Qorti ma tiskanta b'xejn li l-konvenut inħasad u hija reazzjoni naturali li wieħed ġibed 'il bogħod mis-sitwazzjoni ta' perikolu li tkun qed tisvolġi quddiemu;

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ssib ħafna x'tiċċensura fl-operat tal-kjamat fil-kawża Philip Azzopardi. Mill-iskizz li esebixxa hu stess jidher ċar li minħabba l-karozza pparkjata dana kellu jreġġa' lura distanza ferm itwal milli qal hu għax altrimenti ma kienx ser ikollu *clearance* biżżejjed biex idur u jibqa' sejjer fi triqtu 'l barra mill-pjazza. Din il-manuvra ta' *reversing* Azzopardi għamilha mingħajr prekawzjonijiet ta' xejn, ma ħassx il-bżonn li jesplora sewwa t-triq u joqgħod doppju attent stante li kien hemm *blind corner*. Il-*Highway Code* jitkellem ampjament fuq *reversing* u fil-paragrafu 86 jgħid espressament li "*If you cannot see clearly behind, get someone to guide you when you reverse*" u l-istess il-**Charlesworth** "*On Negligence*"; "*a motorist before reversing or turning round on the highway, should satisfy himself that it is safe to do so*" (Chapter 12, para. 879). Minn dana kollu Azzopardi ma għamel xejn u minkejja li kien f'posizzjoni ta' perikolu għall-karozzi ħerġin minn Triq Santa Marija dana xorta reġa' lura għax hekk kien komdu għalih li jagħmel;

Azzopardi argumenta ukoll li hu ma ħabat ma' ħadd u li ġara bejn l-attur u l-konvenut hi affari tagħhom li magħha hu ma kellux x'jaqsam. Il-Qorti jidhrilha li dan hu argument fallaċi għall-aħħar. Azzopardi kien il-kawża prossima ta' dan l-inċident minħabba t-traskuraġni tiegħu waqt manuvra ta' *reversing*. Fil-kawża fl-ismijiet:

**Godfrey Gauci Grech** *vs* **Emanuel Zahra** (PA per FG Camilleri, 18 ta' Novembru, 1992) il-Qorti qalet li "... il-fatt li ma tkunx ġrat kolliżjoni attwali bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-

konvenut ma jfissirx li dan ikun awtomatikament eżonerat minn kull responasbbilita". Il-Qorti kkwotat *in extenso* Isaces & Levenson "*The Law of Collisions*" u taħt il-kapitolu "*Collisions inductly due to defendant P151*" dawn l-awturi jgħidu: "*.... a defendant may be liable even if neither or his vehicle was in actual contact with plaintiff or his vehicle. It's sufficient if plaintiff's harm was casually connected with defendant's negligence*";

F'dan il-każ, in-negliġenza ta' Azzopardi ma kinitx biss każwali imma attwali u diretta u ta' dan għandu jwieġeb;

Kontestazzjoni tad-danni ma kienx hemm u kwindi dawn għandhom jiġu akkolti fl-intier tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi illi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara l-kjamat fil-kawża Philip Azzopardi responsabbli għall-kolliżjoni in eżami li ġrat fi Triq Santa Marija, Ħaż Żebbuġ fis-26 ta' April, 1994 bejn il-konvenut u l-attur. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm222.64 u konsegwentement tikkundanna lill-kjamat fil-kawża Philip Azzopardi li jħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż għall-kjamat fil-kawża Philip Azzopardi";

Il-kjamat fil-kawża qed jappella, prinċipalment, għax jidhirlu li l-konvenut kellu biżżejjed żmien biex jirrealizza li hu kien qed jagħmel manuvra ta' *reversing* u kellu għalhekk l-opportunita' jieħu azzjoni preventiva biex jevita s-sinistru. Jikkontendi li hu kien qed ireġġa' lura bil-mod għax kien sab ostakolu quddiemu biex jgħaddi minn triq oħra u li bl-ebda mod ma kien ħasad lill-konvenut. Isostni li huwa ma kien bl-ebda mod negliġenti fis-sewqan tiegħu u li "huwa

ma kellux triq oħra ħlief illi jirriversja bil-mod u dan huwa għamlu bla ma fixkel traffiku ieħor". Jgħid li l-konvenut seta' "faċilment waqqaf il-vettura tiegħu f'distanza ta' 50 pied". Jgħid li "Micallef mhux biss ma waqqafx il-vettura tiegħu, imma jidher li donnu tilef il-kontroll tagħha bir-riżultat li ħabat mal-vettura ta' l-attur";

Mill-atti jirriżulta ċar li l-appell tal-kjamat fil-kawża huwa insostenibbli fil-fatt u fid-dritt. Mhux biss hu l-każ ta' *res ipsa loquitur*, imma hu l-każ klassiku ta' sewwieq li għandu ovvjament tort u li jipprova jieħu r-raġun. Li l-attur hu vittma innoċenti tas-sinistru mhux ikkontestat. Kif lanqas jista' jkun ikkontestat illi:

Il-konvenut kien qiegħed isuq fi triqtu, li kellu d-dritta u li kellu kull jedd jippretendi li ħadd ma jfixklu fis-sewqan tiegħu. Aktar u aktar xi ħadd ħiereġ bir-*reverse* minn ġo triq għal fuq oħra fejn il-karreġġjata hi wiesgħa biss (16) sittax-il pied;

Li l-kjamat fil-kawża kien qed jagħmel manuvra mill-aktar skabruża u perikoluża u li kien jispetta lilu li jieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jassigura illi l-ħruġ inkonsult tiegħu għal fuq it-triq mnejn kien nieżel il-konvenut kien ikun sewwa senjalat lill-utenti ta' dik it-triq;

Li kien jispetta lill-kjamat fil-kawża li jagħti din is-senjalazzjoni anke jekk meħtieġ - u jidher li fil-każ in eżami, kien hekk meħtieġ - billi jqabbad lil xi ħadd biex jirregola t-traffiku fit-triq fejn ried joħroġ billi jwaqqfu qabel ma jibda l-manuvra tiegħu. Manuvra li kienet timporta li joħroġ minn fuq triq fejn kien qiegħed isuq hu bir-*reverse* u li kienet tifforma *T-junction* mat-triq wiesgħa oħra mnejn kien qiegħed isuq il-konvenut. Senjalazzjoni adegwata li kellha tingħata in antiċipazzjoni ta' tali manuvra. Altru li mhux

il-każ illi jista' l-kjamat fil-kawża jilmenta b'xi dritt li "Micallef lanqas ma daqq il-*horn* tiegħu biex javża lil Azzopardi bil-presenza tiegħu";

L-Ewwel Qorti sewwa stabbiliet li l-kawża prossima u immedjata tas-sinistru kien il-mod sperikolat kif il-kjamat fil-kawża ħareġ b'lura fl-għama assoluta minn ġo triq għal oħra, b'mod li kkrea sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea li ssorprendiet għal kollox lill-konvenut. Il-konvenut jixhed: "Kif dħalt fil-pjazza nara lil Philip Azzopardi jirriversja bil-karozza u kien sejjer jibqa' dieħel fija. Jiena ġbidt lejn ix-xellug biex nevitah ...." Hu ovvju illi l-konvenut qatt ma seta' jissoponi illi kien ser jiġi rinfaċċjat bil-karozza tal-kjamat fil-kawża u bil-mod kif din ħarġet. Di piu' għandu jiġi meqjus ukoll illi ż-żewġ vetturi kienu *in motion* u allura d-distanza - anke jekk jiġi għall-grazzja ta' l-argument aċċettat li kienet sa 50 pied - tiġi perkorsa bejn iż-żewġ vetturi fi żmien ferm anqas. Element dan determinanti biex jaċċentwa l-emerġenza u jillimita għal kollox iż-żmien li fih il-konvenut seta' jieħu azzjoni evasiva. Ir-reazzjoni tiegħu li jikser lejn ix-xellug kienet naturali u awtomatika. Il-manuvra tal-kjamat fil-kawża ssir aktar riskjuża u imprevedibbli fl-effetti tagħha meta wieħed iqis il-konfigurazzjoni rregolari tat-toroq fejn ġara l-inċident li lanqas jipprovdi viżwali għal kollox liberi u fit-tul mill-angoli kollha anke meta wieħed isuq b'mod regolari. Hemm kisriet ta' 90% li joħolqu *blind corners*. Is-sitwazzjoni ssir aktar u aktar perikoluża meta wieħed jażżarda bħalma żżarda l-kjamat fil-kawża illi ssuq bir-*reverse* minn ġo triq għall-oħra;

Din il-Qorti għalhekk ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi u għal dawk mogħtija f'dik is-sentenza, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariġu tal-kjamat fil-kawża.